# Apprezzament
# P. Beneditt Sammut O.P.

Hamilton Sammut twieled il-Belt fil-21 ta' Jannar tas-sena 1914. Meta kellu tmintax-il sena, ħaddan l-Ordni ta' San Duminku, fil-Knisja tal-Madonna ta' l-Għar, ir-Rabat. Hemm hu temm is-sena ta' prova u, fit-2 ta' Ottubru ta' l-1932, għamel l-ewwel professjoni. Studja l-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Akwinu li hemm fil-kunvent tad-dumnikani r-Rabat. Ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Settembru tas-sena 1937.

Patri Beneditt kien intelliġenti biżżejjed biex seta' jissokta l-istudju u jiggradwa lettur fit-teoloġija, iżda dan ma kienx għal qalbu, għax kien iħobb aktar l-appostolat. Għalhekk, ftit wara li laħaq saċerdot, intbagħat fil-kunvent tal-Lunzjata, fil-Birgu. Fis-sena 1940, ġie assenjat mis-superjuri tiegħu ħalli jmur jaħdem bħala viċi-parroku fil-parroċċa tal-Belt. Dan kien uffiċċju perikoluż minħabba li l-gwerra bdiet tiħrax. Hu għen lill-kappillan Patri Salv Mifsud.

Għal medda ta' aktar minn għoxrin sena, mill-1949 sa l-1969, Patri Beneditt wettaq ħidma mill-aktar siewja fit-tixrid tal-qima lejn San Duminku u l-Ordni Dumnikan. Hu ma wettaqx dan minn fuq il-pulptu lanqas bil-kitba, iżda b'mod popolari fost il-beltin bix-xogħol bla ħeda li wettaq b'risq il-festa tal-Patrijarka San Duminku. Hu kien jiddedika mhux biss jiem, imma xhur sħaħ ħalli jkabbar il-ġieħ lejn San Duminku.

Kemm dam fil-kunvent tad-dumnikani fil-Belt, Patri Beneditt kien Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija, l-ewwel fl-Isla u mbagħad fil-parroċċa tal-Portu Salvu, il-Belt. Għal bosta snin kien membru tal-Kunsill tal-Kunvent, sagristan maġġur u depożitarju. Barra milli kien prokuratur tal-festa ta' San Duminku, kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Każin tal-Banda King's Own. Hu wettaq dan l-uffiċċju bl-akbar serjeta', billi kien ta' sikwit jagħmlilhom konferenzi u jmur iqarar lill-membri fl-istess każin.

Mis-sena 1971 sa l-1983, Patri Beneditt kien fil-kunvent tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima, fil-Gwardamanġa. Hemm hu kien membru tal-Kunsill tal-Kunvent. Iżda hu jibqa' magħruf l-aktar għall-ħidma tiegħu biex ikabbar il-festa u jxerred il-qima lejn il-Madonna ta' Fatima. Il-bqija ta' ħajtu hu qattagħha mal-komunita' dumnikana f'Tas-Sliema. Hemm ftit li xejn seta' jaħdem għax, għal madwar dawn l-aħħar tnax-il sena, kien marid sewwa. B'dan kollu, hu baqa' jfarraġ lil kull min kien iżuru b'dik id-daħqa fuq fommu. Fl-aħħar snin ta' ħajtu hu kien rikoverat fid-Dar tal-Kleru, fejn is-sorijiet u l-ħaddiema ħadu kura tiegħu bl-akbar reqqa u dedikazzjoni. Ittajjar għal għand il-Mulej fl-20 ta' Jannar 1998. Il-funeral sar fil-Kunvent tan-Nazzarenu, Sliema, bis-sehem numeruż tal-aħwa dumnikani.



Kummissjoni Festa
Madonna tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa